**RULING MOGĦTI MINN MR SPEAKER FIS-SEDUTA NRU 429 - 25 TA' SETTEMBRU 2006**

Fuq il-punt imqajjem mill-Onor Interpellant dwar tweġibiet għal mistoqsijiet parlamentari li ma jkunux ingħataw tweġiba mill-Ministru meta l-mistoqsija tkun dehret l-ewwel darba fuq l-aġenda, anke jekk f'dawn l-aħħar snin daħlet il-prassi li l-Interpellant jerġa' jissottometti l-mistoqsija tiegħu, sta għall-Ministeru konċernat li jinforma lill-Uffiċċju ta' l-Iskrivan tal-Kamra meta jkun f'pożizzjoni li jirrispondi dik il-mistoqsija u f'dak il-każ, id-domanda tidher fuq l-aġenda u ma tkunx magħduda mas-sitt mistoqsijiet parlamentari li Membru għandu dritt jissottemettu għal kull seduta.